ĦAŻ-ŻABBAR
Città Hompesch

**Minuti tal-447 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Agius (Is-Sway), is-Sur John J Pace u s-Sur Mark Grech.

Preżenti għal-laqgħa kienet ukoll l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fis-seba' paragrafu ta' paġna 246 u minflok il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway)' jidħol il-kliem 'Is-Sur Joseph Buttigieg'.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 248 u wara l-kliem 'Triq il-Vittorja' jiżied il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius semma l-bżonn li jsir *bus shelter* fi Triq ix-Xgħajra fejn ta' Lourdes għan-nies li jkunu sejrin lejn il-Belt biex dan iservi ta' kenn mix-xita u mix-xemx.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħdax-il paragrafu ta' paġna 247 u titneħħa il-kelma (Is-Sway).

Il-minuti tal-446 il-laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kien tkellem mal-Ministru għat-Trasport dwar il-ħtieġa li tiġi spustjata z-*zebra crossing* minn Triq Bajada u ġie mitlub sabiex il-Kunsill jagħmel it-talba bil-miktub lil Transport Malta. Is-Sur Buttigieg talab sabiex kopja tal-ittra tintbgħat ukoll lill-Ministru għat-Trasport.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab li tinżabar siġra li hemm fi Triq l-Iskola ma' Triq ix-Xgħajra biex din ma ttellifx il-viżibilità għas-sewwieqa.

Is-Sur Mark Grech reġa' talab sabiex titwaħħal bozza ġdida fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq tal-Hofra.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-MEPA dwar l-operat tal-funderija Hompesch Steel u l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kiteb lill-MEPA u l-*objection* tal-Kunsill għandha titla' fil-laqgħa tad-DCC.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien ser jattendi għal-laqgħa annwali tan-NASOM li kienet ser issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2015.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsta meta kienet ser issir l-attività tal-Health Fest f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Health Fest kien ser isir fid-9 u l-10 ta' Mejju, 2015.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-Wasteserv talbu sabiex fil-Health Fest ikollhom *stall* sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kampanja edukattiva.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-kumpanija Wasteserv xtaqet ukoll tiltaqa' mas-Sur Mark Grech, il-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, sabiex flimkien ikunu jistgħu jorganizzaw attività fl-iskejjel. Is-Sur Bonnici qal illi l-kumpanija Wasteserv xtaqet tiltaqa' ukoll mal-membri tal-Kunsill. Is-Sindku talab sabiex il-laqgħa mal-Wasteserv issir fl-istess ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-Wasteserv għandha *auditorium* u f'każ li l-Kunsill jew għaqdiet Żabbarin ikollhom bżonn jużawh, il-Wasteserv lesta li tagħtihom l-*auditorium* mingħajr ħlas.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' talab sabiex issir laqgħa mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* il-kumpanija responsabbli mix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ ta' *soft areas* f'Ħaż-Żabbar sabiex jintbgħatu aktar ħaddiema mill-kumpanija fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħajt ta' għalqa li hemm fi stat perikoluż fi Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Hompesch li hemm fil-viċinanzi tal-*Housing Estate* kien għadu ma jixgħelx. Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni ma' Transport Malta sabiex jiġi rranġat id-dawl ta' dan il-*bus shelter*.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar xi ħaġa mill-Kunsill dwar it-talba li kienet għamlet dwar *traffic management* bil-għan li jinstab rimedju għall-problema tat-traffiku fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola u l-inħawi.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal illi kienet tħejjiet pjanta b'indikazzjoni tat-toroq *one way*.

Is-Sindku qal illi kien talab sabiex isir kumitat *ad hoc* sabiex isir studju dwar *traffic management* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex it-*traffic management* jiġi diskuss mar-residenti fil-laqgħat pubbliċi li kienu ser jiġu organizzati mill-Kunsill.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-ħtieġa li jinxtara *defilibrator* u jitpoġġa fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab sabiex isiru żewġ mirja fi Triq Santa Duminka.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Inqraw il-minuti tas-63 u tas-64 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

<u>Item 6 - Skeda ta' Pagamenti</u>

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-2 ta' Marzu 2015 u t-23 ta' Marzu 2015 li kienet tammonta għal €29,900.16.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2015 li kien jammonta għal €89.80.

<u>Item 5 - Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Elmo Insurance Limited dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet is-Sinjura Lucienne Meli fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-

Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Michela Camilleri dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbet kumpens ta' €153.95 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Clive Pavia dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €167 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Gordon Formosa dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonard, fejn talab kumpens ta' €115 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Nathalie Magri dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbet kumpens ta' €130 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Jean Paul Mifsud dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens mingħand il-Kunsill ta' €80 għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Mary Ellul dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbet kumpens mingħand il-Kunsill ta' €42 għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Bradley Attard dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens mingħand il-Kunsill ta' €194.90 għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Jennifer Attard dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbet kumpens ta' €94 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Fis-6.55 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sinjura Michelle Zammit dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talbet kumpens ta' €120 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Matthew Balzan dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €85.40 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Joseph Gatt dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €3,022.53 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand Dr Joseph Cassar Delia dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Hompesch, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €100.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqrat stqarrija għall-istampa mibgħuta mill-ANSEK dwar fondi għall-proġetti kapitali għall-Kunsilli Lokali dwar il-mod kif tmexxa l-proċess u l-mod kif tqassmu l-fondi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Mary Muscat mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar artiklu li deher fil-gazzetta lokali bit-titolu, "Żona mas-swar tinbidel f'miżbla".

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-*Cleansing Department* sabiex jgħin fit-tindif taż-żona madwar is-swar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo fejn informa lill-Kunsill illi l-Ministru għall-Ġustizzja u Gvern Lokali laqa' t-talba biex il-postijiet tas-Sur Marc Vella Bonnici, tas-Sur Domenic Agius, tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway), tas-Sur Joseph Bonnici, tas-Sur Joseph Vella u tas-Sur Mark Grech mhux ser jiġu dikjarati vakanti.

Madankollu il-Kunsill ġie nfurmat li ma ġietx milqugħa t-talba li saret sabiex il-Kunsillieri jitħallsu għall-*allowance* ta' dawk il-laqgħat illi huma ma attendewx għalihom minħabba raġunijiet li kienu taw permezz ta' mozzjoni bid-data tat-13 ta' Jannar, 2015.

Item 7 - Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratt :

Offerti għas-servizz ta' *Accountant* (ZLC 1/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ offerti li ġew mitfugħa għas-servizz ta' *accountant* – ZLC 1/2015. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Rata (is-siegħa)** |
|---|---|---|
| Parker Randall Turner | Mimlija u ffirmati | €15.00 |
| Accountancy, Assurance, Advisory 3A Malta | Mimlija u iffirmati | €35.40 |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik ta' Parker Randall Turner għar-rata ta' €15 is-siegħa.

Offerti għall-ġbir ta' Skart Goff (2/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ offerti li ġew mitfugħa għas-servizz ta' ġbir ta' s6kart Goff 2/2015. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Prezz** |
|---|---|---|
| Dimbros | Mimlija u ffirmati | €1.45 *per call* |
| Ronald Bezzina | Mimlija u mhux iffirmati | €1.50 *per call* |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel b'disa' voti favur u astenzjoni waħda li ma tiġi aċċettata l-ebda offerta għall-ġbir ta' skart goff u tinħareġ sejħa ġdida peress illi l-Kunsill iqis illi l-offerti li saru ma kienux vantaġġjużi għall-Kunsill peress illi kien hemm żieda fil-prezz minn dak li qiegħed iħallas fil-preżent il-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar kumitat ad hoc kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Brian Spiteri u mis-Sur Joseph Bonnici sabiex jiġi deċiż il-mod ta' kif ser isir il-*bill of quantities* u jitqassmu l-punti fl-evalwazzjoni tal-offerti.

Tindif ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 6/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għal-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011) li l-Kunsill għandu mas-Sur Charles Camilleri kien ser jagħlaq fit-16 ta' Mejju 2015 u billi dan il-kuntratt ma jistax jerġa` jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minkejja li l-vann tal-Kunsill kien għadda mill-VRT, Transport Malta talbet sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u jitneħħa s-sadid li fih il-vann. Is-Sindku qal illi kienet ser tingħata stima sabiex isir ix-xogħol ta' manutenzjoni.

Is-Sindku qal illi l-*photocopier* tal-Kunsill m'għadhiex f'kundizzjoni tajba u qal li hemm żewġ *options*, dik li tinxtara *photocopier* ġdida jew il-Kunsill jibqa' jħallas għall-*maintenance agreement*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex tinxtara *photocopier* ġdida.

Is-Sindku qal illi kien ser isir *billiard tournament* maż-*Żabbar Pool Club* b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw *trophies* lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni u li bħala ġest sportiv il-membri tal-Kunsill ukoll jipparteċipaw f'dan it-*tournament*.

Dwar l-istedina uffiċjali għal Eschenfest li ser issir f'Mejju li ġej, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), qabel unanimament illi d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività tkun komposta mis-Sindku, mis-Sur Joseph Vella u mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Sinjura Anna Calleja pproponiet sabiex matul l-attività f'Eschborn tiġi diskussa l-possibbiltà li jerġa' jiġi organizzat *Summer Youth Camp* għaż-żgħażagħ Żabbarin.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li jekk jiġi organizzat *Summer Youth Camp* hija kienet lesta li tipparteċipa kif ukoll kienet lesta li tħeġġeġ liż-żgħażagħ jipparteċipaw.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet tħassret l-attivita` tat-tqassim tal-fjuri li kellha ssir f'Marzu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitlob il-fondi mill-GAL Xlokk sabiex jintużaw fl-attivita` tal-*Health Fest* li ser isir f'Mejju.

Is-Sindku qal illi matul l-attivita' tal-Health Fest li ser tiġi organizzata f'Mejju, jiġi varat il-proġett tal-Berġa tas-Saħħa.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex fl-attivita' *Health Fest* jiġu mistiedna l-istudenti tal-mediċina kif ukoll isiru *talks* edukattivi dwar is-saħħa.

Is-Sindku qal illi kienet ser issir laqgħa f'April sabiex jinġiebu fondi mill-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix kien wasal il-proċess sabiex jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal illi sa issa ma kien hemm xejn uffiċjali dwar Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien qed isir *parking* fi Triq Wied il-Għajn li kien qed joħloq periklu għas-sewwieqa li jkunu ħerġin minn Triq Ħas-Sajjied.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir pressjoni mal-Enemalta sabiex tinxtegħel il-bozza ġdida fi Triq l-10 ta' Settembru kantuniera ma' Triq il-Luq.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinbidel arblu tad-dawl li hemm imsaddad fi Triq il-Luq viċin Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-Surmast ta' Skola Primarja B, Ħaż-Żabbar, jixtieq jitlaqa' mas-Sindku.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-7 t' April, 2015 kien ser jorganizza attivita` għall-anzjani.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser isir ix-xogħol ta' *extensive patching* fi Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal illi kien qed jistenna lill-Perit tal-Gvern sabiex jagħmel l-istima għal dan ix-xogħol.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet illi l-proġett taż-żgħażagħ ma ġiex aċċettat minħabba li kien xogħol ta' natura kapitali u għalhekk talbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex dan il-proġett isir mill-Kunsill.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet illi kienu ser japplikaw għall-fondi sabiex issir attivita' fil-venda ta' Ħaż-Żabbar fir-rebbiegħa tas-sena 2016.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal illi d-dawl maz-*zebra crossing* ta' Triq Hompesch kien għadu ma jixgħelx. Għalhekk talab sabiex isir dawl adekwat biex din iz-*zebra crossing* tiddawwal.

Is-Sur Mark Grech qal illi d-dawl taz-*zebra crossing* ta' Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut *Burn Out* ma kienx jixgħel u talab li l-Kunsill jindaga dwar dan ix-xogħol li kellu jsir fuq din iz-*zebra crossing*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex titwahhal tabella fi Triq l-10 ta' Settembru li tindika d-direzzjoni ghas-sewwieqa.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jiġi rranġat hajt li hemm fi stat perikoluż fi Triq il-Ponsjetta.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi waqt laqgha li kellu mal-GreenPak il-Kunsill ġie nfurmat illi Ħaż-Żabbar kien żied fil-persentaġġ ta' skart reċiklabbli.

Fit-8.25 ta' filghaxija is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienux ser jiġu organizzati l-korsijiet tal-*life long learning*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser japplika ghal dawn il-korsijiet sabiex jiġu organizzati klassijiet ta' taghlim fil-Malti u fl-Ingliż.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir rampa f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi ta' Triq Ġanni Bonavia, kif ukoll sabiex isiru rampi maż-*zebra crossing* fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-konkos ta' Triq il-Grazzi kien qed jinqala'.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu rranġati diversi hofor fi Triq ix-Xghajra.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda laqgha organizzata mil-LEAP tal-GAL Xlokk u li kien interessat jattendi kors li ser jiġi organizzat mill-LEAP fl-Irlanda.

Is-Sur Mark Grech qal illi s-Sotto-Kumitat ghaż-Żghażagh u Edukazzjoni kien ser jaghmel filmat biex ifakkru l-erbghin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar u kienet ser tittella' *exhibition* b'kollaborazzjoni mal-Mużew tas-Santwarju.

Is-Sur Mark Grech irrefera ghal-lista ta' bozoz ġodda li kien ressaq quddiem il-Kunsill li tinkludi bozoz ġodda fi Triq il-Marloċċ u Triq ix-Xghajra. Is-Sur Grech qal illi dawn il-bozoz ghadhom ma sarux.

Is-Sur Mark Grech qal illi kien irċieva lment dwar siġra li qed taghmel hsara fil-ġiebja ta' resident fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi. Is-Sur Grech qal illi kien iċċekkja mal-Awtoritajiet u ġie nfurmat illi din is-siġra ma kienetx protetta bil-liġi. Is-Sur Grech talab sabiex jintbghat il-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika li s-siġra kienet qed taghmel hsara l-ġiebja. Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-proċedura li jaddotta l-Kunsill normalment kienet li s-sid iġib il-Perit tieghu biex jevalwa l-hsara. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li f'każ li l-Perit jiċċertifika li s-siġra kienet qed taghmel hsara fil-ġiebja, il-Kunsill jitlob sabiex tinqala' din is-siġra.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jiġu rranġati kaptelli tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira peress illi kienu qed ihabbtu.

Is-Sur John J Pace talab sabiex jinbidlu l-kaptelli tal-ilma fi Triq il-Kbira peress illi kienu mkissra.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex issir *sleeping police* fi Triq il-Kbira bejn Triq San Piju V u Triq San Duminku.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-grada li ser issir fil-bandli minhabba t-tfal iż-żghar tkun tinghalaq b'mod awtomatiku.

Is-Sur Mark Grech qal illi residenti minn Triq il-Madaffa kienu qed jilmentaw li xi whud mir-residenti kienu qed jahslu l-bjut u jarmu l-ilma mahmuġ barra.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex *iz-zebra crossing* ta' Triq tal-Labour ikollhom *floodlight* fuq kull naha tat-triq.

Is-Sur John J Pace talab li tiġi rranġata hofra li hemm fi Triq Bormla fil-viċinanzi ta' Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-attività Merhba lir-Rebbiegha u qal li din l-attivita' kienet suċċess.

<u>Item 9 – Aġġornament</u>

Il-laqgha spiċċat fid-8.50 ta' filghaxija u ġiet aġġornata ghal nhar it-Tnejn 27 t'April, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-448 laqgha li saret nhar it-Tnejn 27 t' April, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku